



## Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)  
15 ta' Settembru 2010

Kawża T-157/09 P

**Luigi Marcuccio**  
vs  
**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Terminu raġonevoli sabiex tiġi ppreżentata talba għad-danni — Dewmien — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat”

**Suġġett:** Appell ippreżentat kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tat-18 ta' Frar 2009, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-42/08, ĠabraSP p. I-A-1-35 u II-A-1-147), u intiż li jannulla dan id-digriet.

**Deċiżjoni:** L-appell huwa miċħud. Luigi Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

### Sommarju

1. *Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali*  
(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 138(1))

2. *Uffiċjali — Rikorsi — Talba fis-sens tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Terminu għall-preżentata*  
(Artikolu 236 KE; Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)

3. *Uffiċjali — Rikorsi — Termini — Talba għal kumpens indirizzata lil istituzzjoni*  
(Artikolu 236 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46; Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 90)

4. *Uffiċjali — Rikorsi — Termini — Talba għal kumpens indirizzata lil istituzzjoni*  
(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46; Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 90)

5. *Proċedura — Termini għal preżentata ta' rikors — Notifika tar-rikors permezz ta' posta rreġistrata*  
(Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, Artikoli 39(1) u 100(3))

1. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess statut, u tal-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-rikors promotur għandu jinkludi, b'mod partikolari, espożizzjoni fil-qosor tal-motivi invokati. Għalhekk, dan għandu jispjega fiex jikkonsisti l-motiv li fuqu huwa bbażat ir-rikors, b'mod li s-sempliċi riferiment astratt għal dan

il-motiv ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-imsemmi Statut u tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura. Barra minn hekk, din l-espożizzjoni, anki jekk tkun fil-qosor, għandha tkun suffiċjement ċara u preċiża sabiex tippermetti lill-konvenut li jipprepara d-difiża tiegħu, u tippermetti lill-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fuq ir-rikors, jekk ikun il-każ, mingħajr ebda informazzjoni oħra insostenn tiegħu.

Iċ-ċertezza legali u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jeżiġu, biex rikors, jew aktar speċifikament, biex motiv f'rikors ikun ammissibbli, li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' dritt li fuqhom ikun ibbażat il-motiv jirriżultaw b'mod koerenti u li jinftiehem mit-test tar-rikors stess. F'dan ir-rigward, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tfittex fost l-elementi kollha invokati insostenn ta' motiv wieħed jekk dawn l-elementi jistgħux jintużaw ukoll insostenn ta' motiv ieħor.

(ara l-punt 27)

Referenza:

Il-Qorti Ġenerali 23 ta' Marzu 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, T-16/09 P, punt 15, u l-ġurisprudenza ċitata

2. Meta kawża bejn uffiċjal u istituzzjoni li jaħdem magħha jew li kien jaħdem magħha, u li hija intiża li tikseb kumpens għad-danni, torriġina mir-relazzjoni ta' impjeg li tgħaqqad lill-persuna kkonċernata mal-istituzzjoni, din taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 236 KE (li l-kontenut tiegħu huwa identiku għal dak tal-Artikolu 270 TFUE) u tal-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-fatt li l-Artikolu 236 KE u l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal ma jistabbilixxux terminu għall-preżentata ta' talba għal kumpens ta' dannu, ma jagħmilx ir-rekwiżit għal terminu raġonevoli sabiex issir il-preżentata ta' tali talba rekwiżit illegali. Fil-fatt, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari għal talba għal kumpens ta' dannu, għandha ssir bl-osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li huma l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Issa, fejn it-testi ma jgħidu xejn, dawn il-prinċipji ġenerali jostakolaw dak li l-istituzzjonijiet u l-persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jagħmlu mingħajr ebda limitu taż-żmien, bir-riskju għalhekk, b'mod partikolari, li jqiegħdu l-istabbiltà tas-sitwazzjonijiet ġuridiċi miksuba, fil-periklu, u jeħtieġu l-osservanza ta' terminu raġonevoli.

Għalhekk, il-kontestazzjoni, li ma ssirx f'terminu raġonevoli, ta' fatt li jiġġenera dannu kkawżat minn istituzzjoni Ewropea fil-kuntest tar-relazzjonijiet tagħha mal-membri tal-persunal tagħha taffettwa ċ-ċertezza tar-relazzjonijiet legali bejn l-imsemmija istituzzjoni u l-membri tal-persunal tagħha u tesponi lill-baġit tal-Unjoni Ewropea għal spejjeż marbuta ma' fatt li jiġġenera dannu li ilu wisq żmien li seħħ. Il-prinċipju ta' ċertezza legali jeħtieġ, għalhekk, li l-membri tal-persunal jippreżentaw, f'terminu raġonevoli, it-talbiet tagħhom għal kumpens wara dannu li jkun ġie kkawżat lilhom minn istituzzjoni Ewropea fil-kuntest tar-relazzjonijiet tagħhom magħha.

(ara l-punti 40 sa 43)

Referenza:

Il-Qorti Ġenerali 5 ta' Ottubru 2004, *Eagle et vs Il-Kummissjoni*, T-144/02, Ġabra p. II-3381, punt 62; Il-Qorti Ġenerali 26 ta' Ġunju 2009, *Marcuccio vs Il-Kummissjoni*, T-114/08 P, ĠabraSP p. I-B-1-53 u II-B-1-313, punt 12, u l-ġurisprudenza ċitata; il-Qorti Ġenerali, 23 ta' Marzu 2010, *Marcuccio vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34, u l-ġurisprudenza ċitata

3. Meta kawża bejn uffiċjal u istituzzjoni li magħha huwa jaħdem jew li kien jaħdem, u intiża li tikseb kumpens għad-danni, tkun torriġina minn relazzjoni ta' impjeg li tgħaqqad lill-persuna kkonċernata mal-istituzzjoni, din taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 236 KE u mhux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-preskrizzjoni ta' ħames snin prevista minn din l-aħħar dispożizzjoni għalhekk ma hijiex il-kriterju ta' evalwazzjoni tan-natura raġonevoli

tat-terminu għal rikors inkwistjoni, iżda l-iktar l-iktar huwa element ta' paragun rilevanti matul din l-evalwazzjoni, peress li dan it-terminu ta' prekrizzjoni għandu wkoll l-għan li jiggarrantixxi ċ-ċertezza legali fil-kuntest ta' rikorsi għad-danni ppreżentati kontra l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-fatt li talba għet ippreżentata fi żmien ħames snin minn meta l-persuni kkonċernati saru jafu bis-sitwazzjoni li huma qegħdin jilmentaw dwarha ma huwiex biżżejjed sabiex jitqies li l-imsemmija talba għet ippreżentata f'terminu raġonevoli.

(ara l-punt 45)

Referenza:

Il-Qorti Ġenerali 23 ta' Marzu 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37, u l-ġurisprudenza ċċitata

4. Id-determinazzjoni tat-terminu għall-preżentata ta' rikors hija kwistjoni ta' liġi. Fin-nuqqas ta' terminu previst mil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-preżentata ta' talba għad-danni li jirriżultaw minn relazzjoni ta' impjeg bejn uffiċjal u l-istituzzjoni li jaħdem magħha, l-imsemmija talba għandha tiġi ppreżentata f'terminu raġonevoli, li għandu jiġi stabbilit skont iċ-ċirkustanzi tal-każ. F'dan ir-rigward, għalkemm it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata u jevalwa b'diskrezzjoni assoluta l-fatti rilevanti, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom, sussegwentement dan jikkwalifikahom ġuridikament fid-dawl tal-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli, taħt l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali.

(ara l-punt 47)

Referenza:

Il-Qorti Ġenerali 23 ta' Marzu 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39, u l-ġurisprudenza ċċitata

5. F'każ li r-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jinnotifika b'rikors lill-parti konvenuta permezz ta' posta rreġistrata, id-data tan-notifika li minnha jibdedw jiddekorru t-termini hija dik li fiha l-imsemmija parti tikkonferma li rċeviet il-posta rreġistrata li tkun intbagħttilha.

(ara l-punti 69 u 70)

Referenza:

Il-Qorti Ġenerali 23 ta' Marzu 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64, u l-ġurisprudenza ċċitata.